MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1283/2007

**Asfaltar Construction Ltd (C-38006)**

**vs**

**City, Sport & Play Limited (C-31617)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ Asfaltar Construction Limited, fejn din wara li ppremettiet illi:

F’Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006), is-socjeta’ City, Sport & Play Limited (C-31617) inkarigat lis-socjeta’ attrici sabiex tezegwixxi xogholijiet ta’ kostruzzjoni u tipprovdi l-materjali mehtiega ghall-istess, fuq *tennis court* li jinsab gewwa l-lukanda Hilton f’San Giljan, u dan versu hlas mahdum skond rati miftehma bejn il-kontendenti.

Ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni hekk fdati lis-socjeta' attrici gew debitament ezegwiti.

Il-hlas pagabbli lis-socjeta' attrici bhala l-korrispettiv tax-xogholijiet u materjali hekk minnhom ezegwiti u suppliti jammonta ghal sbatax-il elf, sitt mija, sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm17,626.88) kif jidher skond it-talba ghall-hlas kif hawn anness u mmarkat 'Dok. A'.

Nonostante diversi tentattivi permezz ta' korrispondenza mas-socjeta' debitrici sabiex l-istess socjeta' thallas lis-socjeta' attrici s-somma dovuta fir-rigward tal-materjali u servizzi provduti, tali tentattivi sfaw fix-xejn.

Fit-2 ta' Novembru 2007, permezz ta' ittra ufficjali numru 4176/07, is-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-imsemmija somma ta' sbatax-il elf, sitt mija, sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm17,626.88).

Sal-lum, id-debitu ta' sbatax-il elf, sitt mija, sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm17.626.88) ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sbatax-il elf, sitt mija, sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm17,626.88) rapprezentanti, kif inghad, materjali u servizzi ta' kostruzzjoni provduti mis-socjeta' attrici fuq l-inkariku u ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta, bl-imghax ikkalkolat mit-2 ta' Gunju 2007.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata ma ressqet ebda twegiba.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit esibiti.

Semghet lix-xhud prodott.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tinsab sodisfatta li t-talba tas-socjeta’ attrici giet pruvata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ €41,059.59, ekwivalenti ghal Lm17,626.88, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------